TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John Camilleri

vs

Justin Anthony Farrugia - JCA Solutions

CCT 24/25/MS

26 ta' Marzu 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-31 ta' Jannar 2025 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-azjenda intimata thallsu s-somma ta' elf u erbgha u sebghin euro (€1,074.00), prezz ta' AC unit mixtri minghand l-azjenda intimata, liema unit huwa affett b'difett.

Ra illi l-azjenda intimata ma dahlitx risposta izda deher Justin Anthony Farrugia in rapprezentanza tas-socjeta' li xehed quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara erba' airconditioning units minghand l-azjenda intimata f'Jannar 2023 ghall-prezz globali ta' €2,840.00. Il-units gew installati u bdew jintuzaw xi sena wara, f'Gunju 2024. Wiehed minnhom ma kienx qed ikessah u r-rikorrent cempel il-kumpanija, li min-naha taghhom baghtet xi hadd fuq il-post fejn gie kkonstatat li kien hemm gas nieqes. Pero' l-problema ppersistiet u regghu gew darb'ohra r regghu tawh il-gas, pero' minghajr success. Meta gew it-tielet darba, xi hadd mill-kumpanija gibed l-attenzjoni tar-rikorrent illi l-pajp kien mghaffeg. Biddlu l-pajpijiet imma xorta ma hadimx, u anke biddlu l-unit ta' gewwa, izda baqa' bil-hsara. Ir-rikorrent ikkonferma illi t-trunking ghamlu hu stess.

Illi xehed ukoll Justin Anthony Farrugia li kkonferma illi l-units gew installati u kien hemm erbgha b'kollox. Qal ukoll illi l-AC li fuqu sar l-ilment kien 24,000 BTU u kien fil-penthouse. Qal ukoll illi meta huma jahgmlu l-installazjoni jiccekjaw li l-unit ikun qed jahdem sew qabel ma johorgu l-garanzija. Meta sar l-ewwel ilment, huwa baghat it-technician, li l-ewwel kellu jistabilixxi minn fejn kienet gejja l-hsara - u cjoe' jekk mill-motherboard, mill-indoor/ outdoor unit jew mill-copper. Gie stabbilit illi l-problema kienet gejja mill-fatt li l-pajpijiet tal-copper kienu mghaffgin u fil-fatt huma ma kienux ghamlu t-trunking min-naha taghhom. Qal ukoll illi r-rikorrent kien qabel maghhom li kellhom jinbidlu l-pajpijiet u kien dispost ukoll illi jhallas. Wara diversi interventi min-naha tal-azjenda intimata - tibdil ta' pajpijiet/ indoor unit, il-unit xorta wahda ma hadimx. U r-rikorrent qatt ma hallas ghal dawn l-interventi. Fl-ahhar l-intimat qallu illi kellu jinbidel l-outdoor unit, pero' r-rikorrent baqa' qatt ma baghat il-flus.

Ikkunsidra

Illi wara li sema' l-provi u ra r-ritratti esebitii, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-versjoni tal-intimat hija iktar verosimili fic-cirkostanzi - u cjoe' illi l-unit kienet tahdem malli giet installata u l-hsara kienet rizultat ta' installazzjoni mhux xierqa min-naha tar-rikorrent li ghazel illi jaghmel it-trunking huwa stess - haga li giet ammessa mir-rikorrent.

Għalkemm it-Tribunal jaqbel mal-argumenti tal-intimat, jinnota illi f'kazijiet bhal dawn, u cjoe' meta konsumatur jimpenja ruħu li jwettaq ċerti xogħlijiet ta' installazzjoni huwa stess, (bhalma gara f'dan il-kaz), dan ghandu jigi indikat b'mod espliċitu u inekwivoku fit-termini tal-garanzija u l-konsumatur ghandu jkun mgharref illi dawn ix-xogholijiet jistghu jannullaw il-garanzija.

Pero' jibqa' l-fatt illi r-rikorrent ma rnexxilux jipprova l-kaz tieghu sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**